MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2010

Numru 147/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Farrugia)**
**Vs**
**ANDREW JOHN AZZOPARDI**
**BENUA CAMILLERI**
**JAMES PACE**

**Seduta ta' llum it-Tnejn 31 ta Mejju 2010**
**Il-Qorti:-**

Rat illi l-imputati gew imressqa quddiemha w akkuzati talli fid-dsatax (19) t'April 2009 minn gewwa 'Alex Farm' fi sqaq Habel Zwejri, fi Triq Santa Marija, il-Maghtab limiti tan-Naxxar u f'inhawi ohra f'dawn il-gzejjer Maltin:-

1. Ikkommettew serq ta' disat iklieb ta' razza '*Husky*', proprjeta ta' Grace Borg u Sarah Borg u terzi persuni u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat, bil-vjolenza, bil-valur, bix-xorta tal-haga misruqa.

2. Aktar talli xjentement xtraw u/jew laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun iddahal f’dawn il-Gzejjer biex ibieghhhom jew imexxiehom, liema oggetti huma gejjin minn serq.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati dwar l-akkuza ta’ serq aggravat, kif registrat fl-ewwel udjenza tat-tnejn u ghoxrin ta’ Frar 2010, waqt il-prezentata, u dan anke wara li l-istess imputati nghataw hin xieraq sabiex jikkonsidraw mill-gdid l-ammissjoni bikrija taghhon.

Rat illi tali ammissjoni hija volontarja, spontaneja u inkondizzjonata w ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuza ta’ serq aggravat .

Rat illi l-akkuza l-ohra ta’ ricettazzjoni moghtija mill-Prosekuzzjoni, giet moghtija b’mod alternattiv ghall akkuza ta’ serq u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.
Semghet lis-*Senior Probation Officer* Miriam Sevasta tghid li l-imputati kkoperaw bis-shih maghha tul din l-investigazzjoni, u kkonfermat fix-xhieda taghha tal-hamsa w ghoxrin (25) ta’ Mejju 2010 li l-vittma illum m’ghandhiex pretensjoni ulterjuri kontra l-imputati odjerni.

Dwar il-Piena l-Qorti kkunsidat is-segwenti fatturi:-

1. Illi l-imputati Camilleri u Azzopardi huma *first time offenders,* filwaqt li l-imputat Pace ghandu *conviction* wahda regsitrata dwar ksur tal-Ordinanza tal-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn inghata tlett xhur probation.

2. Rat illi l-imputat Azzopardi kien minuri fil-mument tal-kummissjoni tar-reat.

3. Rat illi it-tliet imputati ghamlu tajjeb ghad-danni sofferti mill-vittma Grace Borg, tant li hallsuha s-somma ta’ elf Ewro (€1000) kull wiehed.

4. Semghet dak li qalet il-*probation officer* li l-vittma Grace Borg illum m'ghandhiex pretensjonijiet kontra l-imputati.

Illi l-*Probation Officer* Miriam Sevasta pprezentat ir-rapporti taghha fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin (25) ta' Mejju 2010 u rrakkomandat li din il-Qorti taghti *Community Service* fil-konfront tal-imputati u dan bil-ghan li tinghata mportanza lejn il-kuncett tar-*Restorative Justice.*

Illi l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn ma tabbraccjax ir-rakkomandazzjoni moghtija mis-*Senior Probation Officer* Miriam Sevasta, u **ghalhekk** wara li tiddikjara li rat l-Artikoli 261 (a) (c) (g), 279, 280, u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li qed issib lill-imputati <u>hatja tar-reat ta' serq kif aggravat bil-valur, vjolenza u xorta tal-haga misruqa</u> u tiddeciedi li tpoggi lill-imputati taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7 (1) annessa ma din is-sentenza fil-konfront tal-imputati Benua Camilleri u James Pace ghal perijodu ta' tlett snin millum, filwaqt li fil-konfront tal-imputat Andrew John Azzopardi ghall-perijodu ta' sena millum (stante li fil-jum tar-reat kien ghadu minuri) u tobbligahom bhala kundizzjoni tal-Ordni tal-Probation li jaghmlu lkoll kemm huma hamsin (50) siegha servizz fil-Komunita' skond l-Artikolu 11 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services bil-ghan li jinsab post idoneju ghall-imputati sabiex jaghmlu s-servizz fil-komunita'. Tordna wkoll sabiex l-ufficcjal inkarigat isegwi din is-sentenza w jinforma lill-Qorti permezz ta' nota fejn ser isir dan is-servizz.**

**Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' kopja ta' l-atti jigu mibghuta lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-Ligi, ai termini tal-Artikolu 410(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------